MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2002

Citazzjoni Numru. 1927/1999/1

**Charles Borg**
**vs**
**Corinthia Palace Hotel Company Limited**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Rat l-**att tac-citazzjoni** li permezz taghha l-attur ippremetta illi:

Peress illi l-attur huwa mpjegat mas-socjeta' konvenuta, u sad-29 ta' Awissu 1999 kien jokkupa l-kariga ta' Bar Supervisor;

U peress illi s-socjeta' konvenuta, b'ittra tat-23 ta' Awissu 1999, iddegredat lill-attur ghall-grad ta' *Food and Beverage Operative* 1 (Dok.A) u b'hekk naqqsitlu l-paga b'ammont ta' aktar minn tletin lira fil-gimgha;

U peress li s-socjeta’ konvenuta ghamlet dan il-pass ghaliex l-attur ma accettax li jissostitwixxi l-kuntratt tax-xoghol li kellu b’kuntratt tax-xoghol (Dok. B) ipprezentat lilu b’ittra datata 10 ta’ Awissu 1999 (Dok. C);

U peress li l-attur kien gustifikat li jirrifjuta li jaghmel dan peress li l-kuntratt tax-xoghol propost kien;

(a) ibiddel il-kuntratt minn wiehed ghal zmien indefinit li l-attur kellu, ghal wiehed ta’ zmien definit ta’ sena (ara klawsola 1 ta’ Dok.B);

(b) jaghti s-setgha lis-socjeta’ li titrasferixxi lill-attur mill-post tax-xoghol tieghu fil-Mistra Village Club Hotel ghal kull post iehor tas-socjeta’, jew operat minnha (ara Klawsola 6),

(c) jerga’ jqieghed lill-attur fi ‘*’probationary period”* ghal sitt xhur, meta huwa kien diga’ ilu fil-kariga mill-4 ta’ April 1997 (Dok. D) u

(d) jestendi s-sieghat tax-xoghol minn erbghin siegha fil-gimgha li l-attur ghandu ghal “*minimum*’’ ta’ erbgha u erbghin siegha (ara Klawsola 5);

(e) u l-attur informa lis-socjeta’ b’dawn l-oggezzjonijiet b’ittra datata s-17 ta’ Awissu 1999 (Dok. E);

U peress li s-socjeta’ konvenuta ma kellhiex dritt unilateralment tbiddel il-kundizzjonijiet tal-kuntratt tax-xoghol tal-attur u, ghaliex l-attur gustament oggezzjona ghat-tibdil, ma kellhiex dritt tiddegrada lill-attur mill-grad ta’ Bar Supervisor ghal dik ta’ Food and Beverage Operative 1, u tnaqqas il-paga tal-attur b’aktar minn Lm30 fil-gimgha, u b’hekk tilledi d-drittijiet tieghu u tarrekalu danni konsiderevoli;

Tghid is-socjeta’ konvenuta’ ghaliex din il-Qorti ma ghandhiex-

(a) tiddikjara li s-socjeta’ konventa ma kellhiex dritt tiddegrada fit-30 ta’ Awissu 1999 lill-attur mill-grad ta’ Bar Supervisor ghall-grad ta’ Food Beverage Operative 1, ghaliex huwa ma kienx accetta t-tibdil unilaterali fil-kundizzjonijiet tal-kuntratt tax-xoghol tieghu li kienu jirrizultaw mill-abbozz tal-kuntratt moghti lill-attur mis-socjeta’ bl-ittra tal-10 ta’ Awissu 1999;

(b) tiddikjara, kwindi li bl-imsemmi pass mehud mis-socjeta’ konvenuta, hija agixxiet illegalment bi ksur tal-kuntratt tax-xoghol tal-attur fil-kariga tieghu ta’ Bar Supervisor, u li konsegwentement is-socjeta’ konvenuta hija responsabbli ghad-danni li l-attur garrab u jgarrab b’effett tal-pass imsemmi, konsistenti b’telf tad-differenza fil-paga ta’ Bar Supervisor u Food and Beverage Operative 1 u ta’ beneficcji ohra tal-kariga ta’ Bar Supervisor;

(c) tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta tirreintegra lill-attur fil-kariga ta’ Bar Supervisor bil-kundizzjonijiet tieghu tax-xoghol ezistenti fid-29 ta’ Awissu 1999;

(d) tillikwida l-imsemmija danni kollha sofferti mill-attur b’konsegwenza tal-imsemmija decizjoni tas-socjeta’ konvenuta, mit-30 ta’ Awissu 1999 sal-gurnata li fiha s-socjeta’ konvenuta tirreintegra lill-attur fil-grad ta’ Bar Supervisor bil-kundizzjonijiet tieghu tax-xoghol imsemmija; u

(e) tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lill-attur l-ammont hekk likwidat, bl-imghax mid-data tas-sentenza sal-gurnata tal-pagament effettiv;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-27 ta’ Awissu 1999 kontra s-socjeta’ konvenuta, li l-ufficjali taghha huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-Dikjarazzjoni tal-attur a fol. 3 tal-process.

Rat in-**Nota ta’ l-Eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta a fol.17 tal-process fejn eccepiet:**

Illi l-azzjoni attrici hija assolutament infondata sew fil-fatt u kif ukoll fid-dritt, u ghandha tigi michuda bl-ispejjez, stante li bl-ebda mod ma hu minnu li l-attur gie mnaqqas fil-grad tal-impjieg tieghu, u lanqas ma kien hemm xi tibdil unilaterali fl-impjieg tieghu, kif allegat mill-attur.

Illl subordinatament u minghajr pregudizzzju ghas-sueccepit, is-socjeta’ konvenuta assolutament ma kkawzat xi danni lill-attur, u ghalhekk bl-ebda mod ma hi responsabbli ghall-istess.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-decizjoni preliminari taghha a fol 90;

Rat is-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell a fol 115;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet lill Avukati difensuri jittrattaw:

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi l-kawza thalliet ghal lum ghas sentenza fuq l-ahhar zewg talbiet ta’ l-attur senjatament dika biex jigu likwidati d-danni sofferti mill-attur u biex is-socjeta’ konvenuta tigi kkundannata thallas lill attur is-somma hekk likwidata. Dawn id-danni jkopru l-perjodu bejn it-30 ta’ Awissu 1999 sal-31 ta’ Dicembru 2004 id-data meta gie miftiehem it-terminazzjoni ta’ l-impieg ta’ l-attur.

Il-konvenuti qed jikkontendu li meta gie terminat l-impieg ta’ l-attur bi ftehim bejn il-partijiet, hu thallas somma li kienet *in full and final settlement* (ara ittra datata 30 ta’ Dicembru 2004 a fol 127), u ghalhekk l-attur m’ghandu jippretendi xejn aktar minghand il-konvenuti.

Il-konvenuti ghamlu riferenza ghal gurisprudenza kostanti ta’ dawn il-Qrati u l-ligi li “jekk id-debitur offerent jiddikjara

b'mod univoku u indubitabbili li qed joffri pagament ghas-saldu tal-pretensjonijiet kollha tal-kreditur, m'ghandux dritt il-kreditur unilateralment jinjora l-mod kif offert il-pagament u jaccettah b'kondizzjonijiet u riservi li necessarjament huma nkonsistenti ma' offerta ta' pagament a saldu." (ara sentenza Apap vs Galea et noe App.Kum. 26/11/86 u ohrajn li saru referenza ghalihom fis-sentenza ezibita).

Illi fil-kaz in ezami fl-ittra imsemmija tat-30 ta' Dicembru 2004 a fol 127 il-konvenuti kitbu lill attur:

*Attached please find cheques No 110413 for the agreed sum of Lm 3,000 as a full and final settlement. …..*

Illi f'dina l-ittra l-konvenuti ma jghidux ta' x'hiex kien qed isir il-pagament bhala *full and final settlement*. Mill-provi prodotti jirrizulta pero' li l-attur, permezz tal-Union li kienet qed tirrapprezentah, kien qed jinnegozja it-terminazzjoni ta' l-impieg tieghu minn mal-kumpanija konvenuta. Dan kien qed isir fil-pendenza ta' dina l-kawza, li biha l-konvenuti kienu jafu izda li fil-ftehim li ntlahaq ma' l-attur, dwar it-terminazzjoni tal-impieg tieghu, ma ghamlu l-ebda referenza jew rizerva dwar din it-talba li l-attur kellu quddiem il-Qorti jew ipprovvdu biex dina l-kawza tigi ceduta in vista tal-ftehim milhuq. Jirrizulta li l-ftehim raggjunt bejn il-partijiet kien jirrigwarda biss it-terminazzjoni ta' l-impieg ta' l-attur u ma kienx hemm xi attentat biex il-kwistjoni dwar l-arretrati tal-paga tigi rizolta wkoll. Dina l-kwistjoni qatt ma ssemmiet fit-trattattivi li saru.

Jigi rilevat inoltre li biss biss l-attur kien qed jippretendi Lm9,000 bhala arretrati ta' paga u mhux verosimili li hu ser jaccetta tranzazzjoni fejn jiehu Lm3,000 biss, kemm ghat-terminazzjoni ta' l-impieg kif ukoll ta' l-arretrati.

Il-Qorti ghalhekk tikkkonkludi li l-pagament li sar ma kienx qed isir biex jigu saldati l-vertenzi kollha talvolta pendenti bejn il-partijiet, imma biss il-kwistjoni dwar it-terminazzjoni ta' l-impieg ta' l-attur minn mal kumpanija. Kieku kellha tintlaqa' s-sottomissjoni tal-konvenuti, jigi li huma jkunu

qed jarrikkixxu ruhhom indebitament a skapitu ta’ l-attur li accetta dak il pagament partikolari ghas-saldu.

Dwar id-danni mitlubin mill-attur, dan ipprezenta prospett a fol. 124 li ma giex kontestat mill-konvenuti u ghalhekk ghandu jigi accettat mill-Qorti.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi
Billi tillikwida l-ammont dovut lill attur fl-ammont ta’ disat elef tlett mija u wiehed u tmenin lira Maltin u disgha u disghin centezmi (Lm9,381.99)
U tikkundanna lill konvenuti jhallsu lill attur is-somma hekk likwidata
Bl-ispejjes kontra l-konvenuti.
Bl-imghax mit-30 ta’ Dicembru, 2004.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------